**Sensiela ta' Maltin Magħrufin**

- **Ir-Raba' Munita (2004) tas-Sensiela: Giuseppe Cali' (1846-1930)**




Fis-sena 2004 il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ ir-raba' munita kommemorattiva fis-Sensiela ta' Personalitajiet Maltin Distinti (2001-2004). Din il-munita tfakkar lill-pittur Giuseppe Cali', li għex bejn l-1846 u l-1930. L-ewwel munita ta' din is-sensiela kienet inħarġet f'Settembru ta' l-2001 biex tfakkar lill-Prim Ministru Malti ta' dari l-Avukat Enrico Mizzi, it-tieni munita kienet inħarġet f'Novembru ta' l-2002 biex tfakkar lill-kompożitur Malti Nicolo' Isouard, u t-tielet waħda kienet inħarġet fl-2003 sabiex tfakkar lill-Prim Imħallef Sir Adriano Dingli.

L-Arma ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 2004 jidhru fuq wiċċ il-munita. Fuq in-naħa ta' wara tidher xbieha ta' Giuseppe Cali', id-dati ta' twelidu u ta' mewtu (1846-1930) u l-kliem Giuseppe Cali' – Pittur.

Giuseppe Cali' twieled il-Belt Valletta fl-14 t'Awwissu 1846. Hu kien iben Raffaele, li kien artist u mużiċist, u ta' Giovanna mwielda Padiglione. Fl-1871 hu żżewweġ lil Perinia Pace. Huma kellhom għaxart itfal.

Fl-eta' bikrija ta' sbatax Giuseppe Cali' kien mar jistudja fl-Accademja di Belle Arti f'Napli taħt in-neo-klassiċista Giuseppe Mancinelli, bl-ispejjeż kollha jkunu mħallsin minn Guglielmo Eynaud. Hawnhekk hu għamel ħbieb ma' l-artist Domenico Morelli, esponent stabilit tan-Naturaliżmu, u hawnhekk hu tgħallem ukoll dwar ir-Romantiċiżmu. Dawn iż-żewġ influwenzi jfiġġu fil-fażi bikrija tax-xogħol artistiku tiegħu – speċjalment fl-ewwel biċċa xogħol kbira tiegħu, "Il-Mewt ta' Dragut" (1867), li saret wara l-wasla lura tiegħu mill-Accademia, u li mbagħad inkisbet mill-Gvern biex tqiegħdet għall-wirja dejjiema fl-Armerija tal-Palazz. Il-ħidma artistika tiegħu tinfirex mill-aħħar nofs tas-seklu dsatax sa l-ewwel terz tas-seklu għoxrin.

Cali' kien jaħdem bla heda u l-produzzjoni tiegħu kienet enormi. L-għadd tax-xogħlijiet tiegħu jisboq is-600 kompożizzjoni, li jħaddnu fihom għażla impressjonanti ta' pitturi, tpinġijiet, buzzetti, ritratti u tiżjin ta' soqfa u koppli tal-knejjes, kif ukoll xi skulturi u litografi, li kollha kemm huma juru element tassew xieraq ta' improviżazzjoni u tiżwiqa ta' l-għaġeb ta' lwien jagħjtu.

Huma bosta l-knejjes f'Malta li jixhdu l-versatilita' u s-sengħa ta' Giuseppe Cali', l-artist prolifiku, u "dak li waqqaf l-iskola moderna tal-pittura Maltija". Il-koppli u s-

soqfa tal-knisja ta’ San Franġisk tal-Belt (fejn hemm il-pittura ta’ kobor mhux tas-soltu ta’ l-Apoteosi ta’ San Franġisk) u tal-knisja ta’ San Duminku tal-Belt, u tal-knejjes parrokkjali ta’ Bormla, tal-Birgu u ta’ Ħal-Lija, flimkien mal-pittura ta’ l-altar tar-Rotunda tal-Mosta, huma ftit eżempji tax-xogħol tiegħu. Il-pittura ta’ l-altar ta’ San Ġlormu (1881) fil-Knisja tas-Sacro Cuor f’Tas-Sliema, hi ġeneralment meqjusa bħala l-kapulavur tiegħu fejn jidħlu xogħlijiet ta’ din ix-xorta ta’ arti.

Bil-qisien ta’ l-arti tal-knejjes f’Malta ta’ dak iż-żmien, il-metodi artistiċi, il-forom u l-istil ta’ Cali’ kienu jippreżentaw kuntrast tassew jaqta’ man-norma neo-klassika ta’ żmienu.

Ir-ritratti l-aktar imsemmijin tiegħu jħaddnu fosthom dawk tal-Prim Imħallef Sir Adriano Dingli, tal-Gvernatur Sir Richard More O’Ferrall, tar-Rettur ta’ l-Universita’ Napoleone Tagliaferro, tal-Papa Piju IX, ta’ l-Imħallef Paolo Debono, Tal-Konti u l-Kontessa Messina u ta’ Lord u Lady Strickland.

Giuseppe Cali’ miet il-Belt Valletta nhar l-1 ta’ Marzu 1930.

Għeluq il-150 sena mit-twelid tiegħu kien tfakkar bil-kxif ta’ mafkar għalih fil-Ġnien tal-Barrakka ta’ Fuq ġol-Belt Valletta, xogħol ta’ l-iskultur veteran Malti Vincent Apap.

Il-munita tal-Fidda *Proof* kienet valuta legali f’Malta għall-valur ta’ Lm5 sal-31 ta’ Jannar 2008. Id-disinn tal-munita hu xogħol l-artist Malti Noel Galea Bason. Il-munita nħadmet mir-*Royal Mint*, ġor-Renju Unit.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta’ muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda “Proof” | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 2,000 |